27 ta' Frar, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Farmaċista Giuseppe Debono** *versus* **Felice Mercieca**

## Retratt — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Art. 1360 u 1364 tal-Kodiċi Ċivili.

***Biż-żwieġ f'dawn il-Gżejjer tinħoloq "ipso jure", skond il-liġi tagħna, il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-miżżewġin, jekk ma tkunx ġiet eskluża espressament bil-miktub. U r-raġel huwa l-kap ta' dik il-komunjoni u l-uniku amministratur tagħha, bla ma jista' jiftiehem li huwa jiċċedi ruħu minn dak id-dritt.***

***Dawk il-ħwejjeġ li jiġu akkwistati ma' tul iż-żwieġ, sija ta' natura mobili kemm ukoll ta' natura immobili, isiru "ipso jure" tal-komunjoni; u tant għad-dominju, kemm ukoll għall-pussess, jidħlu***

*B'dik il-komunjoni bid-drittijiet u l-piżijiet annessi kif ikunu jinsabu fil-waqt tal-bejgħ għand l-istess venditur, jew taħt il-kondizzjonijiet sinna apposti fil-kuntratt tal-bejgħ, permessi mill-liġi, kif ukoll bla preġudizzju tat-terzi persuni, skond l-istess liġi.*

*Għaldaqstant, jekk fond li jiġi mixtri mir-raġel waqt il-komunjoni ta' l-akkwisti ikun suġġett għall-irkupru, dak il-fond jidħol fil-komunjoni b'dik is-suġġezzjoni.*

*Imma sakemm l-irkupru ma jkunx ġie eżerċitat, anzi sakemm ma tkunx saret ir-rivendizzjoni, ir-raġel jibqa' proprjetarju tal-fond; u għalhekk, meta jirħall iż-żwieġ bil-mewt tal-mara, ikunu proprjetarji tal-fond ir-raġel u l-werrieta tal-mara. B'mod li jekk l-irkupru jiġi eżerċitat wara l-mewt tal-mara, dak l-irkupru jiġi eżerċitat ħażin jekk jiġi eżerċitat kontra r-raġel biss.*

*Imma l-azzjoni tar-retratt hija diviżibili; u għalhekk dak l-irkupru, għalkemm eżerċitat ħażin in kwantu ġie eżerċitat kontra r-raġel biss, jiswa u għandu effett għall-kwota ideali tan-nofs li tmiss lir-raġel minn dak il-fond.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, billi b'kuntratt riċevut min-Nutar Oscar Azzopardi tat-30 ta' Awissu 1947, il-konvenut xtara minn għand Joseph, Godfrey u Eric, aħwa Meilak, il-mezzanin sive t-terran numru 50 u l-ħanut nru. 51 f'Holy Ghost Street, ġà Strada Spirito Santo, Żejtun, liberi u franki minn kwalunkwe piż, servitù u fedekommess, u bid-drittijiet tagħhom kollha, bil-prezz ta' £400 (dok. A); u billi hu, b'ċedola ta' rkupru u kontestwali depożitu, irkupra mill-poter tal-konvenut l-imsemmija fondi bit-titolu ta' konsangwineità u bi kwaunkwe titolu ieħor validu fil-liġi, fosthom id-dritt tal-viċinanza, billi l-ħanut numru 51 Holy Ghost Street, Żejtun, huwa sottopost għall-proprjetà ta' l-attur (dok. B); u billi, non ostanti li l-konvenut ġie fid-19 ta' Lulju 1948 interpellat biex jagħmel ir-rivendizzjoni tal-fondi rkuprati minnu, il-konvenut ma ħa l-ebda passi; u billi l-konvenut seta' għamel xi spejjeż neċessarji jew utili li l-valur tagħhom mhux magħruf; u billi l-kwistjonijiet ta' spejjeż magħmula in okkażjoni tal-bejgħ u imgħaxijiet dovuti lir-retrattarju għadhom mhumiex definiti; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u speċjalment id-dikjarazzjoni tal-validità ta' l-eżerċizzju tad-drittijiet fuq imsemmija, li dina l-Onorabbli Qorti (1) tordna l-likwidazzjoni ta' dak kollu li hu-

wa dovut lir-retrattarju u li tiegħu għandu dritt li jiġi rimbor-żat; (2) tikkundanna lill-konvenut jgħaddi għar-rivendizzjoni favur tiegħu tal-fondi fuq imsemmija fi żmien perentorju illi jogħġobha tiffissa dina l-Qorti; u jekk jgħaddi dana t-terminu *inutilment, ir-rivendizzjoni tiġi dikjarata effettwata in forza* ta' l-istess sentenza; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Lulju 1948, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha oppona illi l-irkupru ġie nullament eżerċitat, il-għaliex il-bejgħ sar fi żmien li kien għad hemm il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Rosa, u l-irkupru sar wara l-mewt ta' dina Rosa, li ġrat fis-7 ta' Novembru 1947 (dok. A), u dana kontra l-konvenut biss, li allura kien proprjetarju ta' nofs il-post in kwistjoni; *u li subordinatament* l-irkupru sar u ġie eżerċitat fl-interess u a vantaġġ ta' terza persuna; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

***Omissis;***

**Tikkunsidra:**

Mid-dokument "A" (fol. 5 tal-Proċess) jirriżulta li fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-30 ta' Awissu 1947 il-konvenut Felice Mercieca, in kostanza taż-żwieġ ma' martu Rosa neé Farrugia, akkwista...... ..... Dana l-fond ġie lill-vendituri mill-wirt ta' l-imsemmija ommhom Mary neé Debono, oħt l-attur;

Illi fis-7 ta' Novembru 1947 ġiet nieqsa mart il-kumpratur Felice Mercieca, Rosa neé Farrugia;

Illi fit-3 ta' Lulju 1948........... l-attur biċ-ċedola 96 ta' l-1948........... irkpura l-fondi fuq imsemmija mill-poter ta' l-*imsemmi* Felice Mercieca.......... allura saret iċ-ċitazzjoni odjerna;

**Tikkunsidra;**

*Illi* **l-ewwel kwistjoni li ġiet proposta *għar-riżoluzzjoni* ta' dina l-Qorti hija jekk l-irkupru eżerċtat mill-attur huwiex jew le validament eżerċitat, u r-rivendizzjoni tal-fondi mibjugħa** fistax jew le ssir in **kwantu li l-istess ġie magħmul biss kontra l-konvenut *għall-fondi "de quo agitur", meta* dawk l-istess** fondi kienu jappartjenu, fil-waqt ta' l-eżerċizzju ta' l-irkupru, in kwantu għan-nofs lill-konvenut, u in kwantu għan-nofs l-ie-

hor lill-uliedu bhala eredi ta' ommhom, Rosa Mercieca, li kellha l-kompartecipazzjoni fil-komunjoni ta' l-akkwisti li saru meta hija kienet għadha ħajja, u f'liema epoka nxtraw millkonvenut il-postijiet imsemmija—komunjoni li ġiet xjolta skond il-liġi mal-mewt tagħha, wara liema avveniment sar l-irkupru mill-attur;

Illi l-bejgħ tal-postijiet imsemmija sar fl-atti jiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-30 ta' Awissu 1947, mart il-konvenut mietet fis-7 ta' Novembru 1947, u ċ-ċedola ta' l-irkupru magħmula mill-attur saret u ġiet notifikata lill-konvenut fit-3 ta' Lulju 1948;

Tikkunsidra;

Illi qabel xejn hemm bżonn li jiġu esposti l-prinċipji legali li fuqhom, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, hija bażata r-riżoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna. Dawna l-prinċipji huma ta' ordni divers minħabba l-kwistjonijiet insorti;

Illi biż-żwieġ f'dawn il-Gżejjer "ipso jure" tinħoloq, skond il-liġi tagħna, jekk ma tiġix eskluża bil-miktub, il-komunjoni ta' l-akkwisti (art. 1360 Kodiċi Ċivili), li skond ċerti awturi tifforma (ara Duranton Lib. III, Tit. V, paragrafu 96, u Troplong, Matrimonio, Tomo I, paġina 150, no. 310), u skond oħrajn ma titfurmax (ara l-awturi ċitati fin-nota ta' l-attur, kif ukoll it-Toullier, Diritto Civile Francese, kumment għall-art. 1441-1445, u Laurent, Vol. 2do., paragrafu 197 u ta' wara), persuna ġuridika indipendenti minn dik tal-miżżewġin; liema l-aħħar opinjoni tidher l-aktar ġuridikament sana. Indipendentement però minn dina l-kwistjoni—il-għaliex lillġurisprudenza tinteressa aktar ir-realtà mit-teorija—huwa fatt li r-raġel miżżewweġ huwa kap tal-komunjoni u l-uniku amministratur tagħha, bla ma jista' jiftiehem li jisvesti ruħu minn daka d-dritt (art. 1362, 1373 u 1375, Kodiċi Ċivili). Dina l-amministrazzjoni hija aktar minn dik ordinarja, u ugwali għal dik ta' proprjetarju di fronti għat-terzi persuni, tant li tissejjaħ "cum libera potestate", salv lill-mara d-dritt tas-separazzjoni tal-beni taħt ċerti evenjenzi (art. 1368 Kodiċi Ċivili), u salv dak li jingħad fl-art. 1369 ta' l-istess Kodiċi u l-effetti tas-separazzjoni personali meta jkun il-każ;

Jingħad ukoll li d-drittijiet tar-raġel u l-mara miżżewġin għall-komunjoni, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, jibdew

minn dak in-nhar taż-żwieġ u jispiċċaw malli jinħall iż-żwieġ (art. 1364 Kodiċi Ċivili). L-akkwisti, wara li jitnaqqsu d-djun, jappartjenu lir-raġel u l-mara f'porzjonijiet ugwali, u l-mara miżżewġa ma tikkontribwixxix għad-djun b'aktar minn sehemha mill-akkwisti (art. 1367 Kodiċi Ċivili). Liema akkwisti jidħlu fil-komunjoni jingħad fl-art. 1365 tal-Kodiċi Ċivili, u fost dawn l-artikolu *jrid li tidħol il-proprjetà akkwistata bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, għalkemm l-akkwist ta' dawna l-ħwejjeġ ikun sar fl-isem tar-raġel biss jew tal-mara biss*; u fl-art. 1366 tal-Kodiċi Ċivili giet maħluqa l-preżunzjoni, f'nuqqas ta' prova "in contrario", li kull ma huwa fil-pussess tal-mara u r-raġel, jew wieħed jew waħda minnhom, huwa preżunt akkwist, salv dak li jingħad fis-subsezzjoni (2) ta' l-istess artikolu;

*Illi dak li jingħad fl-artikoli 1365 u 1366* tal-Kodiċi Ċivili huwa supplementat mill-ġurisprudenza antika (ara ġurisprudenza ċitata fil-kumment tal-Kodiċi De Rohan, Lib. III, Capo V, para. XXXII, paġ. 397, ta' Sir *Antonio Micallef*), u mill-ġurisprudenza aktar reċenti li hija faċilment rintraċċjabili fil-Kollezzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qrati ta' Malta, kif ukoll mill-iskritturi fuq il-materja, fosthom il-Voet (ad Pandectas, Liber XXIII, Titolus IV, De Pactis Dotalibus, paragrafi XXIX-L);

Illi indubbjament dawk il-ħwejjeġ li jiġu akkwistati fiż-żwieġ, sija ta' natura mobili kemm ta' natura immobili, "ipso jure" *jsiru komuni*, u tant għad-dominju kemm għall-pussess, bid-drittijiet u piżijiet annessi kif ikunu jinsabu fil-waqt ta' l-akkwist għand l-istess venditur, jew taħt il-kondizzjonijiet minnu apposti fil-kuntratt tal-bejgħ, permessi mil-liġi, kif ukoll bla preġudizzju tad-drittijiet tat-terzi persuni skond l-istess *liġi*;

Illi fuq il-punt jekk akkwist suġġett għal titolu revokabili (dina l-kelma meħuda dejjem fis-sens latin u tradotta bit-taljan bħala "richiamare a sè") bħal ma huwa l-patt espress ta' ri-*kompra, magħmul mill-miżżewġin jew wieħed minnhom waqt* iż-żwieġ, jidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti jew le, id-dottrina mhix konkordi; iżda però, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, hija aktar aċċettabili t-teżi affermativa milli dik *negattiva*, għar-raġuni loġika ġuridika li dawk il-ħwejjeġ li jinxtraw mill-konjuġi flimkien fil-kors taż-żwieġ jixtrulh għan-nom komuni, u dak li jixtri r-raġel miżżewweġ fl-istess żmien fuq ismu f'ismu biss

huwa ritenut li jkun xtrah bid-dritt tal-potestà maritali, u kwindi huwa preżunt li dak li jkun akkwista jkun ġie minnu akkwistat mhux għalih biss, imma anki għall-mara tiegħu. Il-fatt li dak l-akkwist ikun revokabili jew irrevokabili ma jalterax il-fatt l-ieħor li daka d-dominju u konsegwenti pussess ikunu legalment u materjalment "ipso jure" daħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, temporaneament jew permanentement skond l-eżerċizzju jew non-eżerċizzju dipendenti mill-volontà tal-venditur u li minnu tkun ġiet pattwita. Jekk daka l-akkwist isir permanenti mhix kwistjoni li l-ħaġa tibqa' fil-komunjoni; jekk il-venditur però juża mill-patt ta' rikompra stabbilit — li minnu biss jiddependi — l-oġġett li jkun legalment u materjalment daħal fil-komunjoni suġġett għal daka l-patt jerġa' joħroġ, il-għaliex ikun biss daħal taħt daka l-patt;

Infatti, kieku ma kienx hekk, kien il-każ li jingħad li fil-kostanza tal-komunjoni ta' l-akkwisti ċerti akkwisti mixtrija bil-flus u ħwejjeġ komuni, u s'intendi mhux in forza ta' dritt partikulari ta' xi wieħed mill-miżżewġin jew tat-tnejn, jekk ikunu ġew akkwistati minnhom flimkien bla ma jidħlu fil-komunjoni u kontra r-regola, il-proprjetà tagħhom tibqa' għand ir-raġel jew il-mara u r-raġel flimkien, non ostanti r-reġim matrimonjali regolanti l-ħwejjeġ ta' l-istess konjugi—dak li mhux ċivili li taħseb li huwa hekk meta l-leġislatur ried li dawk il-ħwejjeġ akkwistati bi flus jew ħwejjeġ li jkunu ġejjin mill-akkwisti jidħlu fl-attiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Del resto, l-istess inċertezza dwar l-espressjoni tal-volontà tal-venditur tissuġġerixxi l-adozzjoni tal-prinċipju li l-akkwisti taħt titolu revokabili pattwit għandhom jidħlu fil-komunjoni tal-miżżewġin. Il-Voet, wara li jiċċita d-dottrina kuntrarja, huwa ta' l-opinjoni abbraċċjata minn dina l-Qorti, kif jista' jidher mil-Liber XXIII, Titolu IV, paragrafu XXXIII, De Pactis Dotalibus, ta' l-opra tiegħu "Ad Pandectas";

Illi minn dan huwa leċitu li jingħad li, jekk dana huwa hekk għal titolu riżolubili minħabba patt espress, aktar u aktar għandu jkun hekk għal akkwist b'titolu riżolubili mnissel "ex lege", bħal ma huwa d-dritt tar-retratt għal konsangwineità fuq ħaġa immobili li tkun ġiet mixtrija bil-flus ta' l-akkwisti mir-raġel miżżewweġ waqt u fil-kors taż-żwieġ;

Illi kwindi l-fondi "de quo", fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, daħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Mercieca suġġetti għad-dritt tar-retratt ta' l-attur;

*Tikkunsidra*;

Illi d-dritt tar-retratt ma għandux bħala skop ir-rexissjoni jew *distruzzjoni* tal-kuntratt tal-bejgħ, imma għandu l-fini tas-surroga fid-drittijiet kollha naxxenti minn dak il-kuntratt, fil-persuna *tar-retraent*, a favur tal-kumpratur li kontra tiegħu jsir ir-retratt; anzi fil-fatt ir-retratt huwa l-konferma ta' l-istess kuntratt (ara *Corradino*, De Jure Praelationis, Q.V., pag. 22, para. 1, u Tiraquello, De Retractu Gentilitio, § 1, glossa 18, no. 8, u § 29 *glossa* 3, nro. 1, vers "sed id nihil" u oħrajn ċitati anki miż-żewġ skritturi fuq imsemmija wara l-passi ċitati). *In-natura ta'* l-azzjoni tar-retratt ġentilizju hija dik ta' azzjoni personali reali "in rem scripta" (ara Corradino, op. ċitata, *Q. III, pag.* 10 u ta' *wara*). In kwantu l-kumpratur ikun obligat personalment, l-azzjoni hija personali; in kwantu mbagħad il-*fond* akkwistat *mill*-kumpratur ikun suġġett għall-adempiment ta' dik l-obligazzjoni, l-azzjoni hija reali. Il-proprjetà *tal-fond tgħaddi* fil-kumpratur bil-piż tar-retratt, u kwindi dana l-aħħar imsemmi ma jistax jittrasferixxi lil ħadd ieħor dik il-proprjetà *mingħajr* dak il-piż, skond l-istess regola li "nemo plus juris ad alium transferre potest quam ipse haberet" (*L. 154, ff. De Regulis Juris*);

Illi l-kumpratur però huwa kunsidrat proprjetarju sakemm ma jkunx *effettivament* irrilaxxja l-fond lir-retraenti, il-għaliex ordinarjament id-dominju tal-ħwejjeġ ma jgħaddix minn persuna għand oħra ħlief *per mezz* tat-tradizzjoni; kif huwa wkoll risaput li biss "post obtentam praelationem" (il-għaliex "sive etiam quia *is qui actionem* experitur non consequitur quod declaratur dominus") il-kuntratt tal-bejgħ fil-konfronti tal-kumpratur "*ipso jure* est resolutus et habetur primus emptor ac si nunquam emisset et dominium habuisset........... et nec commodum ullum nec damnum sentiat...... et dominio ac possessio censetur praelationem petenti acquisita non secus ac si ab initio ad ejus *commodum* celebrata esset........" (ara Corradino, op. ċitata, Q. V, para 1 u 2, paġ. 22);

Imma b'dana kollu huwa veru wkoll li materjalment il-fond irkuprat ma jgħaddix għand ir-retraent direttament mill-

vendiaur, imma j-ħaddi għandu per mezz tal-kumpratur li kontra tiegħu jiġi eżercitat ir-retratt; sa liema żmien il-kumpratur ikun proprjetarju; u jekk jiġi nieqes qabel dak l-eżercizzju, l-istess fond jgħaddi lill-eredità tiegħu. Del resto, anki f'materja tas-sostituzzjonijiet, kif jgħid il-Pothier, għalkemm is-sostitwit huwa preżunt li qiegħed iżomm il-beni tas-sostituzzjoni direttament minn għand it-testatur, eppure dawk l-istess beni ma jgħaddux direttament mill-persuna tat-testatur fil-persuna tas-sostitwit, iżda jgħaddu per mezz tal persuna gravata, li hija l-proprjetarju tagħhom sa l-apertura tas-sostituzzjoni;

Illi kwindi, non ostanti l-preżunzjoni li titnissel bħala effett tar-retratt fuq imsemmi, il-kumpratur jew l-eredi tiegħu, sakemm ma jkunx hemm l-effettiv rilaxx tal-fond irkuprat mir-retraenti lil dan l-aħħar imsemmi, ikun il-proprjetarju (jew, skond il-każ, id-proprjetà tkun ta' l-eredi) ta' dak il-fond;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 1490 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kuntratt tal-bejgħ jista', kollu jew biċċa minnu, jiġi maħlul bl-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru, u jista' jiġi rexiss imħabba leżjoni. Jekk jiġi kunsidrat li d-dritt tar-retratt jista' jitnissel mil-liġi jew mill-konvenzjoni, u li l-istess jikkompeti mhux biss kontra l-kumpratur imma anki kontra kwalunkwe possessur tal-fond mibjugħ, u li malli ssir ir-rivendizzjoni l-fond jgħaddi lir-retraent liberu minn kwalunkwe ipoteka, servitù jew piż ieħor li l-kumpratur jew kwalunkwe possessur ieħor ikun impona fuqu bħala gravam, is-sinifikat ta' l-artikolu 1490 Kodiċi Ċivili, li jiddisponi kif intqal fuq, ikun jidher aktar ċar. Hekk infatti jingħad li jkun hemm riżoluzzjoni totali meta l-venditur jirkupra in forza ta' patt jew konvenzjoni, jew id-debitur eżekutat jeżerċita l-"jus luendi" fuq il-fond mibjugħ f'subasta ġudizzjarja, jew meta r-retraent ma jirkuprax — f'każ ta' bejgħ ieħor li jkun magħmul da parti ta' l-ewwel kumpratur — minn għand dan l-aħħar imsemmi, imma minn għand il-possessur li jkun allura alla sua volta akkwista l-fond minn għand l-ewwel kumpratur; mentri meta r-retratt jitnissel direttament mil-liġi u jiġi esperit kontra l-ewwel kumpratur, ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt

tal-bejgħ issir biss "in parte", inkwantokkè malli l-kumpratur jagħmel ir-rivendizzjoni, huwa (l-istess kumpratur) biss jiġi maħlul minn kwalunkwe obligazzjoni kuntrattata mal venditur u jispiċċaw għalih ukoll id-drittijiet li l-kontrattazzjoni tkun tagħtu, li jiġu in forza tar-retratt assunti mir-retraent, mentri l-venditur jibqa' fl-istess kondizzjoni li jkun tqiegħed fiha bil-kuntratt, u jitbiddlu biss għalih ir-relazzjonijiet kontrattwali in kwantu għall-persuna: u ċjoè l-venditur, anki kontra l-volontà tiegħu, in forza tal-liġi jsib ruħu di fronti għar-retraent *li jiġi sostitwit jew surrogat għall-akkwirenti*—liema effett jista' anki jkun parzjali meta l-bejgħ ikun jikkomprendi aktar minn fond wieħed jew diversi fondi, u d-dritt tar-retraent ikun għal wieħed jew aktar (imma mhux għal kollha) fost dawk l-immobili;

Illi r-riżoluzzjoni ma tirrealizzax ruħha mal-preżentata taċ-ċedola tar-retratt, iżda tabilħaqq mar-rivendizzjoni li r-retraent, li jrid ikun esperixxa d-dritt tar-retratt biċ-ċedola, ikun jista' jitlob u jottjeni. Dana jitnissel mill-kliem ta' i-*awturi li jittrattaw il-materja*. *fosthom il-Corradino fuq ċitat*, li jgħid li r-riżoluzzjoni topera ruħha "post obtentam praelationem", li jissupponi u jippreżumu t-tradizzjoni u l-passaġġ fuq domanda quddiem l-Imħallef kompetenti skond il-liġi bit-talba tal-kundanna tar-retrattarju ħalli jkun kostrett jirrilaxxja, skond ma kien irid id-dritt komuni, u meta ma javverax ruħu r-rilaxx volontarju fuq is-sempliċi "denunciatio". L-espressjoni tal-volontà ta' l-eżerċizzju tar-retratt mill-parti tar-retraent hija, skond il-liġi tagħna, kontenuta fiċ-ċedola, li hija att *neċessarju, u li bih, skond l-istess liġi, jista' jinsolvi ruħu* totalment jew parzjalment, imma mhux jinsolvi ruħu l-bejgħ. Infatti, jekk wara dik l-espressjoni tal-volontà r-retrattarju volontarjament jaċċetta, bil-mod kif trid il-liġi, li jirrivendi, ir-riżoluzzjoni ma toperax ruħha b'dik l-aċċettazzjoni, iżda l-istess isseħħ bit-tradizzjoni u l-att tar-rivendizzjoni, minn liema attijiet magħmula kif trid il-liġi tibda jkollha ħajja l-preżunzjoni li r-retraent ikun akkwista direttament mill-venditur il-fond irkuprat;

Tabilħaqq il-leġislatur ma ddisponiex *li* jekk, wara *li* r-retrattarju jaċċetta li jirrivendi, ir-retraent jerġa' jibdielu, ir-retrattarju jkollu d-dritt ifittex lill-venditur ħalli jieħu flusu

u l-ispejjeż li jkun għamel, sabiex l-istess venditur alla sua volta mbagħad jiġborhom minn għand ir-retraent in forza tal-preżunzjoni li ntqalet fuq, imma ried li l-azzjoni li tkun, f'dik l-ipotesi, tisthoqq lir-retrattarju, tkun azzjoni diretta kontra r-retraent sabiex l-istess ikun kostrett jiġi għar-rivendizzjoni u sabiex iħallas il-prezz lir-retrattarju u dak kol'u li jkun ħaqqu — "nec damnum sentiat" — dak li juri, jingħad mill-ġdid, li non ostanti l-preżunzjoni nsemmija, iċ-ċedola ma toperax "ipso jure" ir-riżoluzzjoni;

Jingħad ukoll illi, għalkemm l-aċċettazzjoni tar-retrattarju, dejjem fl-ipotesi sottomessa, timporta kważi-kuntratt, jekk in forza ta' dak l-istess titolu r-retraent ma jiġix kostrett jiġi għar-rivendizzjoni b'kuntratt jew, fin-nuqqas, l-istess tiġi "ope sententiae" dikjarata, ma jistax ċertament jingħad li r-retratt eżerċitat biċ-ċedola jkun perfett u komplet bil-konsegwenza neċessarja mitluba mill-preżunzjoni li ssemmiet. Dana huwa rafforzat minn dak li jingħad fl-art. 1502 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, li minnu loġikament jitnissel: 1. Li ċ-ċedola hija att inizjatorju (bħal ma huwa att inizjatorju protest ipotekarju); 2. li l-istess hija att unilaterali; 3. u li biċ-ċedola waħedha ma toperax ruħha "ipso jure" r-riżoluzzjoni;

Egwali forza rafforzativa għat-teżi fuq imħaddna, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għandu l-art. 946 tal-Proċedura Ċivili, li minnu jitnisslu dawn il-konsegwenzi loġiċi:— 1. Li qabel l-aċċettazzjoni tar-retrattarju m'hemmx retratt komplet, non ostanti ċ-ċedola u d-depożitu; 2. Li bl-aċċettazzjoni tar-retrattarju ssir l-irrevokabilità ta' l-espressjoni tar-retraent; 3. Li daka d-depożitu fl-ipotesi fl-artikolu kontemplat ma jistax ikun ritirat; 4. Li biex jiġi ritirat mir-retrattarju d-depożitu, ir-retraenti jrid jiġi jew volontarjament jew ikun ġudizzjarjament kostrett jiġi għar-rivendizzjoni; 5. Li allura jista' jingħad li tkun saret kompleta l-operazzjoni, li għandha diversi stadji (ara l-kliem ta' l-art. 1498 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Liġijiet ta' Malta), bl-effett tar-riżoluzzjoni tagħha skond il-preżunzjoni; l-għaliex anki materjalment, sakemm ma jsirx li ntqal, kollox jibqa' sospiż;

Jingħad ukoll li in tema ġenerali tad-dritt, fid-dottrina "in subjecta materia" huwa ammess li r-retraent jista' jerġa'

lura mir-retratt wara ġudizzju magħluq b'sentenza — "praelationem petens judicialiter potest, tam ante quam post obtentam sententiam, recedere, refectis tamen expensis" (Corradino, op. ċit., Q. XXI, para. 10, paġ. 80); u dana huwa konfermat ukoll mill-Qrati Tagħna bis-sentenza tal-21 ta' Jannar 1858 in re "Schembri vs. Bugeja", Kollez. Vol. I, paġ. 27), fejn jingħad, dwar id-dispożizzjoni tal-Proċedura fuq imsemmija, li "è conforme al diritto comune consuetudinario abbracciato in questi tribunali, e secondo il quale la rinuncia del diritto al retratto è permessa, anche dopo la sentenza che condanna alla rivendizione, in sin a tanto che la rivendizione non è espressamente o tacitamente seguita" — dak li juri li l-effett riżolutiv tar-retratt jopera ruħu bir-rivendizzjoni; kif ġie ritenut fiż-żewġ sentenzi, Appell Ċivili tal-15 ta' Mejju 1926, in re "Farrugia utrinque", Vol. XXVI, P. I., sez. I, paġ. 310, u dik ta' l-Appell Superjuri Ċivili tat-28 ta' Ġunju 1926, in re "Bonello utrinque", Vol. XXVI, P. I, paġ. 550), li ġew, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, sottilment, imma inkorrettament, kritikati mill-attur, li ma jaqbelx mal-konklużjonijiet tagħhom;

Jingħad, in sostenn ta' dik l-istess ġurisprudenza, li l-Pothier, li huwa awtur ta' loġika finissima u qawwija ħafna, barra milli kien ritenut bħala wieħed mill-akbar kulturi tax-xjenza ġuridika, jirritjeni li "la proprietà del fondo ricuperato non può passare dalla persona del compratore che lo ha una volta acquistato, in quella del retraente, se non per mezzo del rilascio che gliene farà questo compratore" (Trattato dei Retratti, Cap. XI. Parte I, parag. 424), b'mod li allura topera ruħha r-riżoluzzjoni;

Illi kwindi mhux per mezz taċ-ċedola tar-retratt jimmaterjalizza ruħu u jsir komplet u perfett ir-retratt, imma bir-rivendizzjoni u r-rilaxx, kif trid il-vera loġika u xjenza ġuridika l-aktar sana u l-istess liġi fuqha bażata;

Tikkunsidra;

Illi minn dana li ntqal għandna :— 1. Li l-fondi "de quo" daħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Mercieca— komunjoni li ġiet maħlula bil-mewt ta' Rosa Mercieca qabel ma l-attur eżerċita r-retratt fuq dawk il-fondi; 2. Li bir-riven-

dizzjoni tavvera ruħha r-riżoluzzjoni tal-fond retratt, u mhux bil-preżentata ta' l-att taċ-ċedola tar-retratt u kontestwati depożitu;

Tikkunsidra:

Illi, kif intqal fuq, bil-mewt ta' Rosa Merciecа l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konvenut u d-decujus giet maħlula, waqt li fil-kors taż-żwieġ il-mara miżżewġa, skond Molineo fil-kumment tiegħu ta' l-Istatut ta' Parigi, art. 119, "non est propria socia sed speratur fore". Id-dritt tal-mara miżżewġa waqt iż-żwieġ tagħha ma huwiex ħlief dritt informi, u jirriduċi ruħu għal sempliċi speranza li taqsam dak li jkun daħal u għadu jinsab fil-komunjoni meta l-istess tiġi xjolta, wara li jitnaqqsu d-djun; imma dana d-dritt li jkollha jkun veru u effettiv dritt ta' proprjetà għan-nofs li jkun baqa', u li meta tmut jidħol fl-eredità tagħha. Meta r-raġel miżżewweġ jikkuntratta bħala kap tal-komunjoni għandu dritt jagħmel huwa minn dak li jakkwista waħdu, u dak li jakkwista jiġi għandu f'ismu proprju bla ma l-mara tkun ikkonkorriet; imma dak li r-raġel miżżewweġ jakkwista ma' tul iż-żwieġ isir indubbjament akkwist tal-komunjoni jekk l-istess ma tkunx ġiet eskluża; b'mod li huwa kien qiegħed jikkuntratta tant għalih kemm għal martu, li għalkemm ma tidhirx, hija reputata li tkun qiegħda tikkuntratta miegħu għall-parti li hija għandha f'dik l-istess komunjoni; imma l-mara hija hekk reputata li kkuntrattat mhux f'isimha proprju, imma fil-kwalità ta' komuni;

Illi minn dana jitnissel li meta jinħall iż-żwieġ, id-dritt tagħha għall-ħwejjeġ komuni, li jkun inerti jew dormjenti waqt iż-żwieġ, jattwa ruħu; u, biex inkomplu l-metafora, jiskwoti ruħu min-nagħas u jqum u jsir attiv fil-pjenezza tiegħu;

Illi fil-każ in diżamina, kwindi, max-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Merciecа bil-mewt ta' l-omm id-dritt tagħha fil-komunjoni attwa ruħu fl-eredi tagħha, "qui sustinent personam defuncti"; u di konsegwenza l-kwota ideali tal-fondi retratti għaddiet fihom, suġġetta għal-dritt ta' l-attur, li seta' u jista' biss japprendieh u jżommu jekk jeżerċitah kif u kontra min trid il-liġi li jeżerċitah;

Illi kwindi l-attur, minn dan li ntqal, għamel ħażin li ma eżerċitax ir-retratt anki kontra l-werrieta ta' Rosa Merciecа;

Tikkunsidra:

Illi jibqa' għal dina l-Qorti tirsolvi l-aħħar kwistjoni konnessa ma' dana l-ordni ta' ideat li fuq intqalu, u ċjoè daka li tgħid u tiddikjara x'*effett legali jista' jkollha*, taħt iċ-ċirkustanzi di fatto riżultati u paċifiċi bejn il-kontendenti, iċ-ċedola tar-retratt magħmul mill-attur kontra *l-konvenut* biss;

*Illi mentri* l-attur sostna li ċ-ċedola minnu ntrodotta kontra l-konvenut biss, non ostante ċ-ċirkustanzi msemmija, *għandu* jkollha l-effett *li r-retratt tal-fond* kollu għandu jkun dikjarat validu—dak li dina l-Qorti ma tħossliex li tista' taqbel miegħu, kif intqal fuq — il-konvenut mill-banda l-oħra jsostni li *dika l-istess ċedola*, *kif u kontra min magħmula* taħt l-istess ċirkustanzi, ma jistax ikollha dak l-effett, il-għaliex huwa qatt ma jista' jkun f'pożizzjoni *li jirrivendi* u jirrilaxxja l-fond *intier;* u in konsegwenza jsostni li t-talbiet attriċi għandhom ikunu totalment miċħuda;

*Tikkunsidra;*

Illi, kif huwa risaput, l-azzjoni tar-retratt hija azzjoni diviżibili. Tabilħaqq hija għandha bħala oġġett il-fond mibjugħ, li huwa ħaġa diviżibili, tant realment, jew almenu ntellettwalment. Tant huwa hekk, li jekk diversi kumpraturi, bil- jew bla solidarjetà, jixtru *flimkien fond*, kull wieħed minnhom ikun tenut għall-porzjoni diviża jew indiviża li jkollu, salvi dwar il-prezz dawk il-modalitajiet partikulari meta x-xiri jkun sar "in *solidum*"—*kwistjoni* li ma tinteressax il-Qorti f'dina l-kawża. Hekk ukoll jingħad meta dina l-azzjoni tiġi eżerċitata kontra aktar minn werriet *wieħed ta' l-akkwirenti-retrattarju*, li jkunu kull wieħed minnhom tenuti għall-porzjoni tiegħu, u l-azzjoni tibqa' bla effett għall-porzjoni ta' dawk li kontra tagħhom ma *jiġix eżerċitat ir-retratt, mentri "per converso"* jkollha *effett* biss għall-porzjonijiet ta' dawk li kontra tagħhom isir ir-retratt;

Jingħad li huwa minnu li jekk wieħed mid-diversi akkwirenti, jew wieħed mill-werrieta ta' akkwirent, isir *possessur* tal-*fond* kollu *suġġett għall*-irkupru, dak l-istess fond, *eżerċitat* ir-retratt "intra tempus concessum et re adhuc integra", jista' jiġi rkuprat direttament minn għandu; *imma* dan huwa dovut għan-natura ta' l-azzjoni tar-retratt, li hija personali reali, "et in rem scripta", u ssegwi l-possessur, u b'dan kollu ma jitħassarx dak *li ntqal fuq jekk il-pussess jibqa'* in komuni—apparti

l-kwalità wkoll ta' kumpraturi f'każ ta' diversi akkwirenti u dik ta' eredi li jkunu ssuċċedew lill-istess kumpratur;

Illi fil-każ in kwistjoni jirriżulta li l-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Mercieca ma saretx bejn il-konvenut u l-werrieta ta' martu, b'mod li kollox għadu fi stat ta' indiviżjoni bejniethom. Dana l-fatt ma għandux, fil-ħsieb tal-Qorti, ikun ta' preġudizzju lil terzi persuni. Bħalma huwa l-attur li għandu d-dritt inserenti fuq ħaġa partikulari u speċifika mdaħħla f'dika l-indiviżjoni bħala suġġetta għad-dritt ta' l-irkupru tiegħu; purkè, s'intendi, l-istess dritt ikun ġie eżerċitat kontra min għandu jiġi eżerċitat. Il-preżervazzjoni ta' daka d-dritt fuq kwota ta' dik il-ħaġa partikulari jnissel miegħu l-konsegwenza naturali li dika l-istess kwota, anki ideali, tibqa' hekk suġġetta;

Illi huwa fatt illi l-konvenut, tant bħala kumpratur kemm bħala kompossessur tan-nofs ideali tal-fond "de quo", huwa tenut għar-retratt mitlub mill-attur fil-kawża odjerna fuq iċċedola minnu preżentata fiż-żmien li trid il-liġi. Jista' jiġi objettat li peress li għadha ma saretx il-likwidazzjoni ma jistax jingħad minn issa jekk daka n-nofs huwiex sejjer jibqa' għand il-konvenut, il-għaliex jista' jkun assorbit minn djun; imma dina l-objezzjoni hija infondata, il-għaliex (1) bħala kumpratur il-konvenut xtara l-fond suġġett għad-dritt ta' retratt, u sakemm parti minnu tibqa' għandu l-obligazzjoni tiegħu personali tibqa' sseħħ, (2) il-fatt ma jidherx li l-komunjoni "de quo" hija passiva, (3) il-kwota li se maj għandu dritt għaliha l-attur sejra tkun sostitwita bil-kontrovalur tagħha, li jkun jista' fi kwalunkwe eventwalità jagħmel tajjeb għad-djun flimkien ma' l-attiv l-ieħor, (4) u fl-aħħar mill-aħħar, jekk id-djun jissuperaw l-attiv, il-konvenut jibqa' skond il-liġi tenut bl-assi partikulari tiegħu;

Objezzjoni oħra aktar qawwija tista' tiġi miġjuba 'l quddiem fis-sens illi qabel ma ssir il-likwidazzjoni u qasma ma jistax jingħad jil min jistgħu jmissu l-fondi "de quo"; imma anki dina l-oppożizzjoni tista' tiġi newtralizzata bil-konsiderazzjoni illi l-ħin, li l-azzjoni ta' l-attur, kif huwa a konjizzjoni ta' l-interessati kollha fil-komunjoni ta' l-akkwisti msemmija, ġiet eżerċitata, indubbjament il-konvenut u wliedu ma jistgħux igħidu li jkunu "in buona fede" jekk issir assenjaz-

zjoni minnhom ta' dawk il-fondi li dati u fil-kommunjoni b'dak l-oneri jew piż li preġudizzju tad-dritt attiv ta' l-istess attur. Del resto, "qui actionem habet ipsam rem habere videtur";

Illi kwindi l-attur għandu d-dritt għan-nofs ideali tal-fondi in kwistjoni bir-retratt minnu eżerċitat;

Tikkunsidra;

Illi subordinatament ġie oppost li l-attur eżerċita l-irkupru għal ħaddieħor, u mhux għalih;

Illi, apparti l-fatt li dina l-kwerela kellha, se maj, tiġi proposta per azzjoni, u mhux bl-eċċezzjoni, fil-fatt il-provi li jinstabu fil-proċess, u miġjuba mill-konvenut għal dana l-fini assolutament ma jsostnuhiex;

Illi kwindi dina l-kwerela subordinata hija insostenibili;

Tikkunsidra;

Illi dwar l-ewwel talba għal-likwidazzjoni, jingħad illi skond il-kuntratt eżibit (fol. 5 dok. A), id-drittijiet u l-ispejjeż kollha annessi u konnessi mal-bejgħ, tal-kuntratt baqgħu a kariku tal-venditur, b'mod li minnhom ma ħareġ xejn il-konvenut; imma mill-provi li nstemgħu l-lum jirriżulta li l-konvenut u l-familja tiegħu nefqu u ħaqqhom tax-xogħol utili u neċessarju li għamlu £30, u li biċċa minnhom ġew fissati "arbitrio boni viri" mill-Qorti;

Illi lanqas jirriżulta li għandu jieħu ta' spejjeż oħra barra minn dawk imsemmija fid-depożizzjoni ta' Michelina Spiteri;

Għal dawn l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevja d-dikjarazzjoni tal-validità ta' l-eżerċizzju tar-retratt imsemmi għan-nofs ideali li għandu l-konvenut, billi tilqa' t-talba attriċi, konsegwentement, limitatament għan-nofs indiviż tal-fondi "de quo", b'nofs il-prezz imsemmi u nofs l-imgħax depożitati, u tordna r-rivendizzjoni ta' dak in-nofs mill-konvenut lill-attur fi żmien ta' ħmistax-il ġurnata, u fil-każ ta' nuqqas tiddikjara li r-rivendizzjoni għandha topera ruħha in forza ta' dina s-sentenza, u wara li tillikwida l-ispejjeż utili u neċessarji għal £30, b'mod li l-attur għandu jħallas biss nofs dik is-somma lill-konvenut; u f'dana s-sens tilqa' t-talbiet attriċi;

L-ispejjeż, minħabba d-diffikultà fil-meritu, jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti.

---